**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 35**
**L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**DIRETTIVA 2019/1158 – INTERAZZJONI TA' LEAVE EŻISTENTI**

**1076. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jaġġorna lill-Kamra bl-istudji li saru, jew li qegħdin jitħejjew bħalissa, jew li se jsiru dwar l-interazzjoni ta' leave eżistenti flimkien mat-tipi differenti ta' leave previsti fid-Direttiva 2019/1158 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, liema studju l-Gvern huwa obbligat li jehmeż ma' rapport lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 182(a) tal-istess Direttiva?

27/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Artikolu 18(2)(a) u l-istudju li jagħmel referenza għalih huwa parti minn eżerċizzju ta' reporting li l-Istati Membri jridu jikkomunikaw mal-Kummissjoni Ewropea sat-2 ta' Awwissu tal-2027 u li għandu jinkludi informazzjoni dwar 'take-up' tal-leave. Dan ifisser li f'dan l-istadju huwa prematur li wieħed jgħaddi din l-informazzjoni, ġaladarba d-drittijiet il-ġodda daħlu fis-seħħ mit-2 ta' Awwissu li għadda.

Seduta 35
19/10/2022

**DIRETTIVA 2019/1158 – LEAVE RELATAT MAL-FAMILJA LIL PERSUNI LI JAĦDMU GĦAL RASHOM**

**1077. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jaġġorna lill-Kamra bl-istudji li saru, jew li qegħdin jitħejjew bħalissa, jew li se jsiru dwar il-leave relatat mal-familja li jingħataw lill-persuni li jaħdmu għal rashom, liema studju l-Gvern huwa obbligat jehmeż ma' rapport lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 182(b) tad-Direttiva 2019/1158 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata?

27/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 1076.

Seduta 35
19/10/2022

**TRANSPORT MALTA – ĦADDIEMA FIL-CUSTOMER CARE**

**1078. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma kemm hu l-ammont ta' persuni fil-Customer Care ta' Transport Malta?

27/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta għandha 11-il ħaddiem li jaħdmu fis-sezzjoni tal-Customer Care.

Seduta 35
19/10/2022

**TRANSPORT MALTA - TELEFONATI**

**1079. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega għalfejn qed ikun hemm dewmien esaġerat jekk xi ħadd iċempel Transport Malta mhux bħala Customer Care, iżda sabiex ikellem xi uffiċjal responsabbli minn xi materjal partikolari fi ħdan l-istess awtorità?

27/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-uffiċjali tal-Awtorità ta' Transport jagħtu importanza lill-klijenti u jagħmlu l-almu tagħhom biex jassistu lill-pubbliku bl-aktar mod effiċjenti u fl-inqas żmien possibbli.

Seduta 35
19/10/2022

**TRANSPORT MALTA – ĦADDIEMA F'POŻIZZJONI GĦOLJA MINGĦAJR ESPERJENZA**

**1080. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega kif hemm nies f'diversi pożizzjoni għolja ma' Transport Malta illi m'għandhomx l-esperjenza u l-kompetenza f'dak il-qasam partikolari illi mbagħad jirriżulta f'backlog enormi u dewmien straordinarju, tant illi jħalli ħafna klijenti fis-settur frustrati sabiex jinqdew kif tabilħaqq huwa dritt sagrosant tagħhom?

27/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema pożizzjonijiet għolja qed jirreferi.

Seduta 35
19/10/2022

**SETTUR MARITTIMU – REĠISTRAZZJONI TA' YACHTS U SUPER YACHTS – SISTEMA TA' TASSAZZJONI ĠDIDA**

**1081. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid is-sistema ta' tassazzjoni ġdida, li qiegħda tiġi proposta u li se tidħol fis-seħħ fl-2025, kif se taffettwa s-settur marittimu b'mod speċjali r-reġistrazzjoni tal-yachts u s-super yachts?

27/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li fuq livell politiku, dan il-Ministeru se jkompli jara li bħala ġurisdizzjoni li dejjem kienet minn ta' quddiem biex taddatta u tilqa' għal realtajiet ġodda ġaladarba u meta dawn jiġu implimentati f'kuntest wiesa' u globali, Malta tibqa kompetittiva u tikkonsolida dak miksub diġà fuq livell internazzjonali.

B'hekk, numru ta' diskussjonijiet interni qed isiru u oħrajn esterni huma ppjanati mal-industrija biex jiġu identifikati l-opportunitajiet u r-riskji li jista' jkun hemm jekk u meta jidħlu fis-seħħ sistemi ġodda. Dan b'konsultazzjoni sħiħa mal-Ministeru għall-Finanzi.

Ninforma lil Onor. Interpellant li domandi dwar introduzzjoni u bidliet ta' sistemi tat-tassazzjoni għandhom jiġu rreferuti għall-Ministru kkonċernat.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFTASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1788. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fi ħdan Projects Plus Limited hemm persuna li huwa impjegat bħala perit u ġie ingaġġat skont il-proċessi stipulati f'Directive 7. Dan jiġi n-neputi tal-Kap Eżekuttiv.

Ma' Infrastructure Malta hemm persuna waħda fil-grad ta' Trainee Architect li ġiet impjegata mal-aġenzija fl-1 ta' Diċembru 2020 wara li nħarġet sejħa pubblika għall-impjieg. Din tiġi n-neputija tal-Kap Ezekuttiv li kien appuntat ma' Infrastructure Malta b'effett mill-25 ta' Lulju 2022.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1789. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma jkollniex informazzjoni bħal din. Nistiednu jkun aktar speċifiku.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1790. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tweġiba għall-mistoqsija tal-Onor. Interpellant hija fin-negattiv.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1791. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru m'hemmx impjegati li huma relatati b'affinità jew konsangwinament maċ-Chairperson jew CEO tal-istess entità.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1792. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, tista' l-Ministru tgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx tali persuni.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1793. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi m'hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità.

Seduta 35
19/10/2022

**ŻEJTUN: TRIQ SAN PIJU X - XOGĦLIJIET**

**2314. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'xogħlijiet saru fi Triq San Piju X, iż-Żejtun tul dawn l-aħħar sentejn u meta mistenni li jiġu ffinalizzati?

30/08/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun illi fi Triq San Piju X inbidel il-main tal-ilma, sar wiċċ bit-tarmak ġdid u l-bankini fuq iż-żewġ naħat.

Seduta 35
19/10/2022

**ŻEJTUN: MISRAĦ KARMNU GRIMA - XOGĦLIJIET**

**2315. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk huwiex previst li jsiru x-xogħlijiet neċessarji f'Misraħ Karmnu Grima, iż-Żejtun tul din is-sena, sabiex il-post jiġi riabilitat?

30/08/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun illi l-Misraħ imsemmi ser jitpoġġa fil-lista ta' toroq li ser tiġi mitluba minn l-entità kkonċernata sabiex issir ir-rijabilitazzjoni neċessarja.

Seduta 35
19/10/2022

**ŻEJTUN: TRIQ SANTA MONIKA - XOGĦLIJIET**

**2316. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'xogħlijiet saru fi Triq Santa Monika, iż-Żejtun tul dawn is-sentejn u meta mistenni li jiġu ffinalizzati?

30/08/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li qegħdin isiru minn Infrastructure Malta fit-toroq residenzjali mhumiex sempliċement xogħol ta' manutenzjoni jew kisja asfalt, imma bini mill-ġdid tat-triq. Dan jinkludi t-tneħħija tal-wiċċ eżistenti, il-bdil jew it-tisħiħ tal-pedamenti, it-tibdil ta' servizzi tad-distribuzzjoni taħt l-art u t-titjib jew bini mill-ġdid tal-bankini, skont il-ħtieġa. Il-wiċċ ġdid tat-triq b'diversi saffi ta' asfalt isir wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet estensivi.

Fil-każ ta' Triq Santa Monika din kienet parti minn proġett li l-aġenzija wettqet flimkien mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex sitt toroq li jinsabu ħdejn xulxin fl-istess żona wara l-Knisja taż-Żejtun inbnew mill-ġdid f'daqqa. Nippreċiża li x-xogħlijiet fuq dan il-proġett, li kien jinkludi wkoll Triq San Profilju, Triq Santa Fawstina, Triq Beland, Triq San Ġużepp u Triq San Piju X kienu bdew fl-aħħar t'Awwissu tas-sena l-oħra.

Ix-xogħlijiet fi Triq Santa Monika, li tlestiet ix-xahar li għadda, kienu jinkludu bdil tal-pajpijiet u servizzi ġodda għall-ilma, kif ukoll bankini ġodda qabel ma ssaħħew il-pedamenti u t-triq sarilha wiċċ ġdid bl-asfalt.

Seduta 35
19/10/2022

**ŻEJTUN: TRIQ SAN PIJU X - XOGĦLIJIET**

**2317. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'xogħlijiet saru fi Triq San Piju X, iż-Żejtun tul dawn l-aħħar sentejn u meta mistenni li jiġu ffinalizzati?

30/08/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li qegħdin isiru minn Infrastructure Malta fit-toroq residenzjali mhumiex sempliċement xogħol ta' manutenzjoni jew kisja asfalt, imma bini mill-ġdid tat-triq. Dan jinkludi t-tneħħija tal-wiċċ eżistenti, il-bdil jew it-tisħiħ tal-pedamenti, it-tibdil ta' servizzi tad-distribuzzjoni taħt l-art u t-titjib jew bini mill-ġdid tal-bankini, skont il-ħtieġa. Il-wiċċ ġdid tat-triq b'diversi saffi ta' asfalt isir wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet estensivi.

Fil-każ ta' Triq San Piju X din kienet parti minn proġett li l-aġenzija wettqet flimkien mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex sitt toroq li jinsabu ħdejn xulxin fl-istess żona wara l-Knisja taż-Żejtun inbnew mill-ġdid f'daqqa. Nippreċiża li x-xogħlijiet fuq dan il-proġett, li kien jinkludi wkoll Triq San Profilju, Triq Santa Fawstina, Triq Beland, Triq San Ġużepp u Triq Santa Monika kienu bdew fl-aħħar t'Awwissu tas-sena l-oħra.

Ix-xogħlijiet fi Triq San Piju X, li tlestiet xahrejn ilu, kienu jinkludu bdil tal-pajpijiet u servizzi ġodda għall-ilma, tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ kif ukoll bankini qabel ma ssaħħew il-pedamenti u t-triq sarilha wiċċ ġdid bl-asfalt.

Seduta 35
19/10/2022

**ŻEJTUN: MISRAĦ KARMNU GRIMA - XOGĦLIJIET**

**2318. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk huwiex previst li jsiru x-xogħlijiet neċessarji f'Misraħ Karmnu Grima ż-Żejtun tul din is-sena, sabiex il-post jiġi riabilitat?

30/08/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. Fil-lokalità taż-Żejtun l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq Taltas, Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, Triq il-Labour, Triq Dwiemes, Triq Toni Zahra, Triq il-Faqqus, Triq Bugħarbiel, Triq il-Kbira, Triq il-President Anton Buttigieg, Misraħ is-Suq, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Vjal il-25 ta' Novembru, Triq Cannaught, Triq il-Kantur, Ta' Ganza, Triq Kamumilla, Triq San Piju X, Triq San Profilju, Triq San Ġużepp, Triq Beland u Triq Santa Monika.

Bħalissa għaddej il-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq oħrajn madwar il-pajjiż, fosthom Triq il-Ġiebja Rumana u Triq Santa Fawstina, fiż-Żejtun. It-triq indikata, Misraħ Karmnu Grima, hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba' snin. Fl-istess waqt, sakemm tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabbiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsilli lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 35
19/10/2022

**KALKARA: BIGHI – SMOKING ROOM**

**2319. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk dik li tissejjaħ *Smoking Room* f'Bighi, il-Kalkara, huwiex previst li tiġi rranġata u restawrata jew le, tul din il-leġiżlatura?

30/08/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq dik li tissejjaħ 'Smoking Room' hu ppjanat li jibda s-sena d-dieħla (2023).

Seduta 35
19/10/2022

**REWS – ĦATRA TA' UFFIĊJAL EŻEKUTTIV**

**2425. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tiċċara min hu finalment responsabbli għall-ħatra tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni fi ħdan ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) tenut kont li l-artikolu 6(7) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545 jipprovdi li l-ħatra ta' dan l-uffiċjal issir kemm mir-Regolatur kif ukoll mill-Ministru:

"(7) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-kapijiet tad-direttorati, dipartimenti, diviżjonijiet u sezzjonijiet għandhom jinħatru mir-Regolatur għall-perijodu stabbilit mir-Regolatur li fl-ebda każ m'għandu jkun inqas minn tliet snin: Iżda l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jkun maħtur mill-Ministru.".

F'dan ir-rigward, tista' l-Ministru tqis li tiġi emendata l-liġi biex jiġi ċċarat dan il-punt u ma jkunx hemm dubji?

22/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-traskrizzjoni ta' laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li kienet saret nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju 2015, fejn, waqt li kien qed jiġi diskuss l-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, kien tqajjem dan il-punt u kien ġie spjegat li fl-abbozzar ta' liġi hija ħaġa normali li l-ewwel tiġi speċifikata r-regola ġenerali u mbagħad isir provvediment għal kwalunkwe deroga.
Kien intqal li kuntrarju għal dak li kien isir fil-passat, fejn il-Ministru kien jappunta kemm lis-CEO kif ukoll il-kapijiet ta' direttorati u ta' units oħrajn, fil-każ tal-liġi li dakinhar kienet qed tiġi diskussa kien se jkun biss l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li kien se jinħatar mill-Ministru.

Seduta 35
19/10/2022

**GĦAWDEX: RABAT – TRIQ IT-TABIB ANTON TABONE – PROBLEMA TAL-ILMA TAX-XITA**

**2426. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għandux xi pjanijiet u dawn fiex jikkonsistu u meta huma ppjanati li jiġu mwettqa u fl-immedjat x'se jsir sabiex tiġi solvuta l-problema tal-ilma fi Triq it-Tabib Anton Tabone fir-Rabat, Għawdex kull meta tagħmel ix-xita u dan peress li d-djar ta' dawn ir-residenti ta' din it-triq qed jimtlew bl-ilma u wkoll qed ikun hemm periklu kbir f'din l-imsemmija triq kull meta tagħmel ħafna xita?

22/09/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Ministeru qiegħed iħejji pjan infrastrutturali għas-snin li ġejjin.

Seduta 35
19/10/2022

**KORDIN: RAS ĦANŻIR - TENDER CFT: IM027/2020 FOR THE CONSTRUCTION OF A NEW CARGO FACILITY**

**2427. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar "it-tender CfT: IM027/2020 for the Construction of a New Cargo Facility at Ras Ħanżir between Laboratory and Fuel wharves, Corradino, Grand Harbour, Malta"' u jgħid jekk din it-tender ġietx aġġudikata? Jista' jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol mitlub minn din l-imsemmija tender?

22/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proċess tal-għażla ġie konkluż u qegħdin fil-proċess li jiġi ffirmat il-kuntratt.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA LI JAGĦMLU XOGĦOL TA' ŻBIR TA' SIĠAR**

**2428. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hemm ħaddiema fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li b'mod regolari jagħmlu x-xogħol ta' żbir ta' siġar kbar fil-lokalitajiet ta' Għawdex? Jista' jelenka l-lokalitajiet, it-toroq tagħhom u areas, inkluż pjazez, fejn f'dawn l-aħħar sentejn sar iż-żbir ta' siġar kbar permezz tal-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex?

Jista' jgħid ukoll fejn fil-ġimgħat li ġejjin hemm ippjanat li jsir żbir ta' siġar kbar mill-ħaddiema tal-Ministeru tiegħu?

22/09/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan ix-xogħol jitqassam bejn gruppi u timijiet. Hemm ġonna pubbliċi li għandhom allokati persuni speċifiċi u uffiċjali pubbliċi oħrajn li m'għandhomx allokazzjoni diretta u li joffru servizz madwar diversi lokalitajiet f'Għawdex.

Seduta 35
19/10/2022

**GĦAWDEX: PORT TAL-IMĠARR – RILOKAZZJONI GĦAS-SULDATI TAL-AFM TAL-KOMPONENT MARITTIMU U TAL-EOD**

**2429. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar fiex waslet ir-rilokazzjoni u meta se sseħħ din ir-rilokazzjoni għal post aħjar li minnu joperaw is-suldati tal-komponent marittimu u tal-EOD fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta (AFM) fil-Port tal-Imġarr, Għawdex?

22/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** B'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari 2429, l-Onor. Interpellant għandu jkun infurmat li l-imsemmija taħdidiet saru u ġie possibbilment identifikat post alternattiv ta' rilokazzjoni. Bħalissa qed isir studju dwar dan il-post.

Seduta 35
19/10/2022

**GOZO INNOVATION HUB – INFORMAZZJONI DWAR KUMPANIJI**

**2509. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hemm uffiċini mikrija fil-Gozo Innovation Hub lil kumpaniji varji u kemm ilhom joperaw minn hemm? Jista' jgħid kemm jimpjegaw ħaddiema kull waħda minn dawn il-kumpaniji? Jista' jgħid kemm minn dawn il-kumpaniji jew entitajiet/dipartimenti huma tal-Gvern u liema huma u kemm jimpjegaw nies dawn l-entitajiet/dipartimenti governattivi u kemm ilhom joperaw minn hemm?

27/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Gozo Innovation Hub hemm għaxar kumpaniji, minn dawn ħamsa huma entitajiet/dipartimenti tal-Gvern. B'kollox dawn il-kumpaniji/entitajiet governattivi jimpjegaw 148 ħaddiem. Id-data minn meta kumpaniji/entitajiet governattivi bdew joperaw mill-Gozo Innovation Hub tinsab fit-tabella annessa.

| Name of tenant | Date |
|---|---|
| Yes We Can Limited | 28/01/21 |
| B G Group Ltd | 28/10/20 |
| Adbluetek Ltd | 08/04/21 |
| Noovle Malta Limited | 19/12/19 |
| Digerati Limited | 21/12/21 |

| Name of tenant | Date |
|---|---|
| Education Department | 09/09/22 |
| Servizzi.gov | 13/10/21 |
| Planning Authority | 22/08/22 |
| Environment & Resources Authority | 08/07/22 |
| Gozo Regional Development Authority | 18/11/20 |

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2600. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtha ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2601. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2602. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2603. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2604. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-5 t'Ottubru 2022.

Seduta 35
19/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2605. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li entità waħda (San Vinċenz de Paule) impjegat Advisor wieħed fuq kuntratt. Il-valur tal-kuntratt huwa ta' 10,000 ewro.

Seduta 35
19/10/2022

**SKOLA TAN-NADUR GĦAWDEX – XOGĦLIJIET LI MISTENNIJA JSIRU**

**2676. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni jibda x-xogħol fl-iskola tan-Nadur Għawdex?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fl-iskola msemmija diġà bdew.

Seduta 35
19/10/2022

**ĦAL QORMI – SKOLA PRIMARJA TA' SAN ĠORĠ - XOGĦLIJIET**

**2677. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni li jibda x-xogħol fl-Iskola Primarja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W11.

Seduta 35
19/10/2022

**SKEJJEL TAL-ISTAT – TWAĦĦIL TA' UNITS TA' ARJA KUNDIZZJONATA**

**2678. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm twaħħlu units ta' arja kundizzjonata fl-iskejjel tal-istat matul il-perjodu tas-sajf (minn Ġunju sa Settembru)?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-perjodu tas-sajf (minn Ġunju sa Settembru) twaħħlu 47 units t'arja kkundizzjonata fl-iskejjel.

Seduta 35
19/10/2022

**BAJJA TA' FRA BEN – LIĊENZJA GĦALL-KIRI TA' UMBRELEL U DECKCHAIRS**

**2851. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2196, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzja sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja ta' Fra Ben?

10/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**BAJJA TAR-RAMLA - LIĊENZJI**

**2852. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2198, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tar-Ramla?

10/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**BAJJA TAR-RAMLA - ENCROACHMENT**

**2853. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2197, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-encroachment mil-Lands li hemm fit-triq li tagħti għall-bajja tar-Ramla?

10/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**KEMMUNA – KUNTRATTI TA' KIRJIET TA' SITI FIL-BAJJIET**

**2854. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2212, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratti li permezz tagħhom is-siti ġewwa l-Bajjiet ta' Santa Marija u Blue Lagoon f'Kemmuna, ġew mikrija lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu?

10/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**2855. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2211, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-beach concessions fil-bajjiet ta' Kemmuna?

10/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**BAJJA TAL-GĦADIRA - LIĊENZJI**

**2856. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2215, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Għadira?

10/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**SUWIĊIDJI F'MALTA**

**2933. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru stabbilit ta' suwiċidji li seħħew f'Malta u f'Għawdex fis-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022 (sal-lum), maqsuma sena b'sena? Kemm minn dawn seħħew f'Malta u kemm seħħew f'Għawdex f'kull sena? Jista' jgħid ukoll kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel? Jista' jgħid kemm minnhom kienu ta' nazzjonalità Maltija u kemm ta' nazzjonalità barranija?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li mill-1ta' Jannar 2017 sat-30 ta' Settembru 2022, il-pulizija rreġistrat mija u tlieta u erbgħin (143) każ ta' suwċidju li sitta minnhom ġew reġistrati f'Għawdex. Minn dan it-total, disa' u għoxrin (29)każ kienu ta' vittmi ta' nazzjonalità barranija. Dettalji oħra mitluba, jidhru fit-tabella riprodotta hawn taħt:

Vittmi ta' suwiċidju - 2017 sa Settembru 2022

| **Sena** | **Nisa** | | **Irġiel** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Malta | Għawdex | Malta | Għawdex | |
| 2017 | 4 | 1 | 20 | 0 | 25 |
| 2018 | 3 | 0 | 19 | 0 | 22 |
| 2019 | 2 | 0 | 19 | 0 | 21 |
| 2020 | 7 | 0 | 14 | 1 | 22 |
| 2021 | 9 | 0 | 24 | 1 | 34 |
| 2022 sa Settembru | 3 | 0 | 13 | 3 | 19 |
| **Total** | **28** | **1** | **109** | **5** | **143** |

Seduta 35
19/10/2022

**OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI - APPUNTAMENTI**

**2934. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega għaliex appuntamenti għall-operazzjonijiet tal-katarretti li kellhom isiru fit-18 ta' Awwissu 2022 fl-Isptar Mater Dei ġew ikkanċellati? Jista' jgħid kemm hu n-numru ta' operazzjonijiet li ġew ikkanċellati b'kollox u għaliex il-pazjenti ġew avżati dakinhar stess waqt li kienu qed jistennew?

11/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi minn wara l-pandemija jitwettqu bħala medja, bejn 70 – 80 proċedura tal-katarretti kull ġimgħa. Riċentement 2 kuntratti relatati mal-medical devices li jintużaw waqt l-operazzjonijiet tal-katarretti kellhom diffikultajiet. Wieħed waqt l-istadju ta' tendering u l-ieħor minħabba raġunijiet kliniċi. Fiż-żewġ każijiet qiegħed isir xogħol biex id-diffikultajiet jintelbu fi żmien qasir.

Seduta 35
19/10/2022

**OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI - APPUNTAMENTI**

**2935. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega għaliex appuntamenti għall-operazzjonijiet tal-katarretti li suppost kellhom isiru fit-13 ta' Ottubru 2022 li ġej, fl-Isptar Mater Dei, ġew ikkanċellati? Jista' jgħid kemm hu n-numru ta' appuntamenti li ġew ikkanċellati, x'inhi r-raġuni u jekk ingħatatx ġurnata oħra għall-operazzjonijiet?

11/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2934 .

Seduta 35
19/10/2022

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**2942. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa full-time u part-time, residenti Ħaż-Żebbuġ, tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ LI TAGĦTI GĦAL GĦAR LAPSI – MIŻURI TA' SIGURTÀ**

**2958. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-kwistjoni tal-istat li tinsab fiha parti mit-triq li tagħti għal Għar Lapsi fis-Siġġiewi, u peress li s-saħħa u s-sigurtà tan-nies għandhom ikunu ta' prijorità, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1451 u jgħid xi studju sar dwar l-istat ta' din it-triq? X'azzjoni se tittieħed biex il-periklu li jista' jkun hemm jitneħħa u x'se jsir biex ir-riskji jkunu mitigati? Hemm target dates in place? Saret konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi dwar dan?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta għamlet pjan għal traffic calming fiż-żona, liema pjan ġie implimentat minn Infrastructure Malta. Dan jikkonsisti fi bdil ta' barrikati tal-konkos għal oħrajn ġodda, li kien hemm biswit il-barriera, u kkumplimentati b'sinjali u żebgħa tat-triq. Dan sar sabiex it-traffiku jnaqqas il-veloċità u jassigura s-saħħa u s-sigurtà tan-nies.

Seduta 35
19/10/2022

**PROBLEMA TAL-BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN**

**2959. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir biex tiġi indirizzata l-problema minħabba l-bagħal taż-żunżan f'pajjiżna?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Id-Direttorat tal-Agrikoltura qiegħed isegwi mill-qrib l-iżvilupp ta' din is-sitwazzjoni. Konxji li dan is-sajf il-popolazzjoni ta' dan l-insett żdiedet b'mod esponenzjali u kien hemm impatt qawwi fuq il-popolazzjoni tan-naħal f'Malta. Għaldaqstant il-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli qiegħed f'taħdidiet ma' esperti fil-Mediterran u l-informazzjoni hi li s-sitwazzjoni hija allarmanti fil-baċir Mediterranju kollu, mill-Greċja sal-Marokk. Qegħdin f'diskussjoni attiva ma' dawn il-pajjiżi sabiex inkunu nistgħu nsibu soluzzjoni u fix-xhur li ġejjin il-Ministeru ser ikun qiegħed jikkomunika numru ta' azzjonijiet sabiex nibdew nikkontrollaw l-impatt ta' dan l-insett. Ta' min wieħed jifhem li bħala Ministeru qed niffukaw primarjament fuq l-effett li dan l-insett għandu fuq l-agrikoltura u għalhekk kull azzjoni ser tkun qed tiffoka sabiex jiġi mitigat l-effett ta' dan l-insett fuq is-settur.

Seduta 35
19/10/2022

**NAĦĦALA RREĠISTRATA**

**2960. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni rreġistrati bħala naħħala f'pajjiżna, full-time u part-time, tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**ĦAL QORMI – NAĦĦALA RREĠISTRATI**

**2961. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni rreġistrati bħala naħħala residenti f'Ħal Qormi full-time u part-time tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**ĦAL FAR – RIĦA MINN FABBRIKA LI TIPPROĊESSA FDALIJIET TA’ ĦUT**

**2964. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid x' passi ttieħdu mill-ERA biex tkun investigata riħa insapportabbli li ħierġa minn fabbrika li tipproċessa fdalijiet ta' ħut li tinsab fiż-Żona Industrijali ta' Ħal Far li qiegħda taffettwa ħażin ħafna kemm lil min jaħdem f'din iż-żona industrijali kif ukoll lir-residenti ta' Birżebbuġa? Tista’ tgħid jekk din il-fabbrika li tipproċessa fdalijiet ta' ħut hix tiffunzjona skont l-Environmental Permit maħruġ lilha mill-ERA?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 2997.

Seduta 35
19/10/2022

**RIFORMA FIL-QASAM TAR-RABA’ – PROPOSTA NRU 1 – ASSIGURAZZJONI DWAR UŻU GĦAL SKOP AGRIKOLU**

**2965. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jelabora fuq proposta Nru 1 (ii) tal-White Paper dwar ir-Riforma fil-Qasam tar-Raba’ li tagħmel referenza għall-assigurazzjoni li tinkiseb mill-awtorità li r-raba’ tibqa' tinħadem għall-iskop agrikolu tiegħu? Kif se jsir dan il-monitoraġġ? X'se jiddefinixxi użu għal skop agrikolu?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskop tal-White Paper hu li tipproponi qafas u tagħti direzzjoni b’viżjoni fit-tul ta’ kif il-pussess tal-art agrikola għandu jkun imħares. Din il-White Paper ġiet imnedija għall-konsultazzjoni pubblika sabiex naraw kif il-prinċipji u l-proposti jkunu milqugħa minn dawk il-partijiet interessati u niksbu opinjonijiet u suġġerimenti ta’ kif din ir-riforma għandha tiġi implimentata. Niġbed l-attenzjoni li l-ewwel proposta tinkludi t-twaqqif ta’ Awtorità responsabbli minn dan il-qasam u li din ser tkun qed tiġi fdata sabiex timplimenta din ir-riforma billi tistabbilixxi l-miżuri ta’ kontroll u inċentivi, inkluż dawk li hemm referenza għalihom fil-White Paper. Għalhekk, huwa prematur li jingħataw dettalji f’dan l-istadju.

Seduta 35
19/10/2022

**RIFORMA FIL-QASAM TAR-RABA’ – PROPOSTA NRU 4 – KATEGORIJI TA’ STANDARD OUTPUT**

**2966. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jelabora fuq proposta Nru 4 tal-White Paper dwar ir-Riforma fil-Qasam tar-Raba’ li tgħid li se jinħolqu kategoriji differenti fil-konfront tal-iStandard Output tal-bdiewa? X'se jkunu l-parametri li jiddefinixxu kategorija minn oħra?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 2965.

Seduta 35
19/10/2022

**RIFORMA FIL-QASAM TAR-RABA’ – PROĊESS TA’ EVALWAZZJONI**

**2967. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jindika l-proċess ta' evalwazzjoni li qed jiġi propost biex jintuża mill-Awtorità proposta fil-White Paper dwar ir-Riforma fil-Qasam tar-Raba’? Min qed jipprepara dan il-proċess ta' evalwazzjoni u x'esperjenza għandu fil-qasam tal-evalwazzjonijiet?
11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 2965.

Seduta 35
19/10/2022

**RIFORMA FIL-QASAM TAR-RABA' - XIRI TA' RABA' AGRIKOLA MINGĦAND IL-PRIVAT**

**2968. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għall-White Paper dwar ir-Riforma fil-Qasam tar-Raba', jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi l-Awtorità mwaqqfa mill-Gvern skont punt 6 tal-imsemmija White Paper tista' tiġi offruta tixtri mingħand il-privat raba' agrikola?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 2965.

Seduta 35
19/10/2022

**RIFORMA FIL-QASAM TAR-RABA' – PUNT NRU. 6**

**2969. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jelabora fuq punt 6 tal-White Paper dwar ir-Riforma fil-Qasam tar-Raba' li jgħid li l-privat jista' joffri r-raba' tiegħu għall-bejgħ lill-Awtorità proposta fl-istess White Paper f'punt Nru 1? Dan ifisser li din l-Awtorità se jkollha diskrezzjoni tixtrix l-art jew le? Jekk iva, abbażi ta' xiex tiddeċiedi tixtrix? Biex l-Awtorità tixtri r-rabà minghand il-privat irid ikun hemm kunsens mis-sid ta' dan ir-raba' li jkun irid ibigħ lill-Awtorità, jew l-Awtorità tista' tobbliga lis-sid biex ibigħilha r-raba'?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 2965.

Seduta 35
19/10/2022

**SIĠĠIEWI-ĦAŻ-ŻEBBUĠ JUNCTION - STUDJI**

**3025. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li residenti Siġġiwin jinsabu mħassba rigward xogħol li tħabbar li se jsir fil-junction Siġġiewi-Ħaż-Żebbuġ, jista' l-Ministru jgħid xi studji saru dwar dan? Saret junction analysis kif suppost jew microsimulation biss? Min hu f'awtorità ħa inkonsiderazzjoni l-attività kummerċjali fiż-żona? Jekk saru l-istudji, jista' jippubblikahom?

12/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2192.

Seduta 35
19/10/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – TILQIM TAL-INFLUWENZA U TAL-COVID-19**

**3034. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti tagħrif dwar minn fejn jistgħu jieħdu t-tilqima tal-influwenza u t-tilqima kontra l-virus tal-COVID-19 ir-residenti tal-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar b'mod separat għar-

residenti ta’ kull lokalità u għal kull vaċċin? Meta hu possibbli li wieħed jagħmel dan għal etajiet differenti? Jista’ jgħid jekk hemmx ħsieb li jiżdiedu l-postijiet minn fejn ir-residenti msemmija jistgħu jieħdu dawn it-tilqimiet?

12/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illit-Tilqima tal-Influenza Staġjonali u dik tal-COVID Booster ser jingħataw miċ-Ċentri tas-Saħħa u mill-Klinici tal-Komunità skont il-Programm li ġie mħejji apposta . Residenti tal-Mellieħa u Naxxxar jistgħu jmorru fil- lokalità tagħħom stess u residenti ta' San Pawl il-Baħar jistgħu jmorru l-klinika tal-Mosta skont l-iskeda mħabbra fuq il-medja soċjali.

Seduta 35
19/10/2022

**MANIKATA DIREZZJONI LEJN IX-XEMXIJA – TQEGĦID TA’ MAINS TAL-ILMA**

**3035. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Billi matul l-aħħar xhur saru xogħlijiet ta’ tqegħid ta' numru ta' mains tal-ilma mill-Manikata fid-direzzjoni tax-Xemxija u billi partijiet minn dawn il-mains ilhom ix-xhur li tqiegħdu mingħajr ma ngħata l-wiċċ finali tat-triq fejn saru dawn ix-xogħlijiet, bil-konsegwenza li qed jirriżulta periklu għas-sewwieqa li jgħaddu minn dawn l-inħawi, tista' l-Ministru tieħu l-passi neċessarji biex fejn hemm il-gandott li fih tqiegħdu l-mains, fil-fatt jingħata wiċċ ġdid?

12/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li ix-xogħol f’din it-triq għadu għaddej, u miexi skont il-programm mibgħut u kkonfermat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Seduta 35
19/10/2022

**SERVIZZ RESPITE FID-DAR**

**3050. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2546, jista’ l-Ministru jgħid kemm ilhom pendenti l-każijiet għas-servizz 'Respite fid-Dar'? Jista' jgħid ukoll x'inhu jsir biex jiġu ingaġġati aktar carers sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jieħdu dan is-servizz mingħajr dewmien?

13/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-preżent hawn 34 jistennew biex jingħataw is-servizz Respite fid-Dar. In-numru naqas minn mindu ġiet imwieġba l-Mistoqsija Parlamentari Nru 2546 fis-Seduta 29 tal-5 ta’ Ottubru billi xi każijiet ġew solvuti.
Il-pendenza tal-każijiet ġodda xahar b’xahar tinsab fit-Tabella li ser inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.
Ħafna mill-każijiet ikunu pendenti għaliex ikun hemm persuni li jitolbu s-servizz fi ġranet partikolari imma ma jinstabux Carers li jistgħu joffru is-servizz fil-jiem mitluba.
L-Active Ageing & Community Care qed jaħdem sabiex sa tmiem Novembru, dawn il-każijiet pendenti jingħataw is-servizz.

Seduta 35
19/10/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL**

**3051. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra elenku tal-kuntratti kollha eżistenti ta' servizzi li jingħataw fir-Residenza San Vinċenz de Paul? Jista' jgħid ukoll min qiegħed jipprovdi dawn is-servizzi, kemm hu t-terminu ta' kull kuntratt kif ukoll il-valur ta' kull kuntratt?

13/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ir-Residenza San Vinċenz de Paul hija faċilita' li tipprovdi residenza u kura lil anzjani b'dipendenza għolja u bħalissa tospita aktar min 1,500 anzjan. Il-kura u s-servizzi huma kollha mogħtija minn tim dedikat ta' ħaddiema u professjonisti kompost minn 2,800 ħaddiem, kemm tal-gvern u tal-kuntrattur.

L-informazzjoni mitluba ser titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 35
19/10/2022

**ANZJANI TRASFERITI MILL-ISPTAR MATER DEI GĦAR-RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL**

**3052. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani jistennew sabiex jiġu trasferiti mill-Isptar Mater Dei għar-Residenza San Vinċenz de Paul?

13/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' anzjani f'Mater Dei li qed jistennew li jiġu trasferiti għar-Residenza San Vinċenz de Paul huwa ta' 38.

Seduta 35
19/10/2022

**MALTA U GĦAWDEX – RISTORANTI LIĊENZJATI**

**3071. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma r-ristoranti liċenzjati ġewwa Malta u Għawdex? Kemm minnhom huma ġewwa l-Belt Valletta?

13/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**MOBILE KIOSKS LIĊENZJATI**

**3072. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn mobile kiosks liċenzjati f'Malta u Għawdex?

13/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 35
19/10/2022

**MTA - ISLE OF MTV – NEFQA TOTALI**

**3073. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa totali tal-MTA għall-Isle of MTV tas-sena 2022?

13/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata peress li hija ta' natura kummerċjalment sensittiva.

Seduta 35
19/10/2022

**KUNSILL LOKALI TA' SAN PAWL IL-BAĦAR - ILMENTI**

**3074. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2700, jista' l-Ministru jgħid meta l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar irċieva l-ilmenti msemmija u jekk dawn l-ilmenti kenux mingħand l-istess resident/grupp ta' residenti, inkella minn resident/grupp ta' residenti differenti? Għal kull ilment, jista' jgħid meta ntbagħtet it-tweġiba lill-istess resident/grupp ta' residenti? X'inhi r-raġuni li s-CCTV fl-inħawi għadhom ma twaħħlux? X'baqa' pendenti biex dan is-CCTV jiġi istallat? Jista' jwieġeb il-kumplament tal-mistoqsija parlamentari 2700, fis-sens li jgħid jekk sarux xi studji dwar il-livelli tal-ħsejjes ikkawżati minn dawn l-istess strumenti qabel ma dawn ġew istallati? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk il-kunsill intalabx li jagħti rapporti dwar dawn il-ħsejjes lill-Awtorità tal-Ippjanar jew lil xi entità oħra, u jekk iva jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-istess rapporti?

13/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi huwa mifhum li l-ilmenti ġew mill-istess grupp ta' residenti (inkluż l-amministratur). Fil-fatt ingħatat tweġiba lill-amministratur tal-blokka tal-istess residenti li għamel l-ilment f'isimhom.

Infurmat ukoll li din il-blokka mhux iżolata imma hemm diversi djar u appartamenti oħra fil-madwar, però kollha għandhom distanza sinifikanti mill-ġnien pubbliku. L-ilmenti ġew minn blokka partikolari.
Infurmat li għalkemm diġà hemm CCTV fil-ġnien pubbliku, ser jiżdiedu aktar sabiex iservu dejjem aktar bħala deterrent.

Rigward l-istrumenti, infurmat li dawn il-'percussion instruments' għandhom mazza ratba biex ittaffi l-ħoss, kontra 'percussion instruments' li jindaqqu b'mazza iebsa.

Fuq nota finali, infurmat illi l-Kunsill ma ntalab jagħmel l-ebda rapport fuq il-ħsejjes mill-entitajiet konċernati meta għamel l-applikazzjonijiet rispettivi.

Seduta 35
19/10/2022

**AJRUPORT INTERNAZZJONALI TA' MALTA - PERSUNI LI GĦANDHOM IL-BLUE BADGE**

**3075. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-persuni li għandhom il-blue badge (persuni b'diżabilità) għandhomx servizzi jew drittijiet fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, bħal pereżempju li wieħed ma joqgħodx jistenna fil-kju biex jagħmel check-in? Jekk iva x'inhuma dawn is-servizzi jew drittijiet?

13/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-użu tal-Blue Badge hu strettament biex wieħed jagħmel użu mill-parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità.
Madankollu, hemm dik li tissejjaħ l-EU Disability Card. Din il-card jikkwalifikaw għaliha aktar persuni b'diżabilità hekk kif il-card tingħata lil kull min għandu diżabilità u mhux dawk biss li jkollhom sfida ta' mobbiltà. Permezz tal-EU Disability Card, wieħed jista' jgawdi minn servizzi offruti minn 93 entità li sal-lum ingħaqdu f'din l-iskema fuq bażi volontarja. Dawn huma entitajiet privati, pubbliċi u NGOs f'oqsma varji bħal dak bankarju, kultura, divertiment, sport u trasport.
Dawn il-benefiċċji huma mifutħa wkoll għaċ-ċittadini mill-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Fillandja, l-Italja, is-Slovenja u r-Rumanija. Bl-istess mod, iċ-ċittadini Maltin li għandhom l-EU Disability Card jistgħu jibbenefikaw mill-benefiċċji mogħtija fil-pajjiżi msemmija.

Seduta 35
19/10/2022

**PERSONALISED PARKING BAYS**

**3076. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar x'inhuma l-kriterji mediċi li fuqhom l-Aġenzija Sapport tevalwa l-aspett mediku ta' applikazzjoni għal personalised parking bay?
13/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Avviż Legali 174 tal-2018, artikolu 3 fejn hemm elenkat il-kriterji tal-eliġibilità.

Seduta 35
19/10/2022

**PULIZIJA – ILMENTI LI SARU PERMEZZ TA' TELEFONATA**

**3077. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2232, jista' l-Ministru jgħid jekk l-informazzjoni li tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra tinkludix ukoll ilmenti li jsiru permezz ta' telefonata lill-għassa ta' dik il-lokalità partikolari? Jekk din l-informazzjoni ma tinkludix dawn it-telefonati, x'azzjoni tittieħed mill-Pulizija wara li tirċievi dawn it-telefonati? Kemm kien hemm rapporti li saru permezz ta' telefonati u f'liema għases saru?

13/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi rapporti lill-pulizija jsiru b'diversi modi, u jinkludu dawk li jsiru fiżikment fl-għases, permezz ta' e-mails u tas-sistema OPRES, b'ittri u kif ukoll dawk li jsiru permezz ta' telefonati fl-għases ta' kull lokalità. Kull rapport jiġi investigat irrispettivament mill-mod kif isir. Mill-klassifika fis-sistema tal-pulizija, mhux possibbli li elettronikament jiġu elenkati l-ammont tar-rapporti li saru permezz ta' telefonati u l-għases fejn saru, kif mitlub mill-Onor. Membru.

Seduta 35
19/10/2022